



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 21.11.2023  
C(2023) 9516 final

**OPINJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 21.11.2023**

**dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju ta' Malta**

{SWD(2023) 951 final}

(It-testi bl-Ingliż u bil-Malti biss huma awtentiċi)

# OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 21.11.2023

## dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju ta' Malta

(It-testi bl-Ingliż u bil-Malti biss huma awtentiċi)

### KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

1. Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013<sup>1</sup> jstabbilixxi dispożizzjonijiet għal monitoraġġ aħjar tal-politiki baġitarji fiż-Żona tal-Euro biex jiġi żgurat li l-baġits nazzjonali jkunu konsistenti mal-gwida għall-politika ekonomika maħruġa fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u s-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.
2. L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 jirrikjedi li kull sena, sal-15 ta' Ottubru, l-Istati Membri jippreżentaw l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-Euro li jippreżenta l-aspetti ewlenin tal-prospetti baġitarji tal-gvern estiż u tas-subsetturi tiegħu għas-sena li jkun imiss.
3. Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni<sup>2</sup> li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024, li kkonfermat li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir se tiġi diżattivata fi tmiem l-2023.
4. Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat tliet proposti leġiżlattivi<sup>3</sup> biex timplimenta riforma komprensiva tal-qafas fiskali tal-UE. L-oġettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjeda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-14 ta' Marzu 2023<sup>4</sup> u fis-27 ta' Ottubru 2023<sup>5</sup>, l-oġettiv huwa li tiġi konkluża l-ħidma leġiżlattiva fl-2023. Billi qafas legali ġdid, ibbażat fuq l-eżitu tar-rieżami tal-governanza ekonomika li għaddej bħalissa, għadu mhux fis-seħħ, ikompli japplika l-qafas legali attwali. Il-komponent

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-Żona tal-Euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

<sup>2</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, "Gwida għall-politika fiskali għall-2024", 8.3.2023, COM(2023) 141 final.

<sup>3</sup> Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva ta' politiki ekonomiċi u sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, 26.4.2023, COM(2023) 240 final; Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, 26.4.2023, COM(2023) 241 final; Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-reqwiziti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri, 26.4.2023, COM(2023) 242 final.

<sup>4</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE" tal-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN, 14.3.2023, 6995/1/23 - REV 1.

<sup>5</sup> Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (fis-26 u s-27 ta' Ottubru 2023) - Konklużjonijiet, EUCO 14/23.

fiskali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tar-Rebbiegħa 2023 kien jinkludi elementi tal-proposti leġiżlattivi tas-26 ta' April 2023 li kienu konsistenti mal-leġiżlazzjoni eżistenti.

5. Kif imħabbar, fil-gwida tal-politika fiskali tagħha għall-2024<sup>6</sup>, il-Kummissjoni se ttipponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024, fuq il-bażi tad-*data* tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti. L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu dan meta jeżegwixxu l-baġits tagħhom tal-2023 u jħejju l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tagħhom għall-2024.
6. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>7</sup> ttiprovdi appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, b'mod partikolari biex tippromwovi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-Faċilità għandha wkoll l-għan li żżid ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni billi tnaqqas id-dipendenza fuq il-fuels fossili u tiddiversifika l-provvista tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni ("l-objettivi tar-REPowerEU")<sup>8</sup>. Il-Faċilità se ssaħħaħ ir-reżiljenza u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomiji tal-Istati Membri, li jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi u finanzi pubbliċi sostenibbli. Parti minn dan l-appoġġ jieħu l-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ('għotjiet'), li jinvolvi impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. Flimkien mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Faċilità qed tappoġġa rkupru ġust u inklużiv fl-UE, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
7. Il-politika ekonomika għandha tkompli tindirizza r-riskji marbuta ma' inflazzjoni għolja u tindirizza l-isfidi fit-tul. Minkejja li qed tonqos, l-inflazzjoni fiż-Żona tal-Euro għadha ta' tħassib. Huwa essenzjali li l-inflazzjoni tkompli tonqos u li l-aspettattivi dwar l-inflazzjoni jibqgħu ankrati sew, b'politiki monetarji u fiskali konsistenti, filwaqt li jibqgħu aġli fid-dawl ta' inċertezza għolja. B'mod partikolari, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ta' emerġenza meħuda biex jirrispondu għax-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija jenħtieġ li jiġu stralċjati, bl-użu tal-iffrankar relatat biex jitnaqqsu d-defiċits tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u fl-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ġodda jew kontinwi ta' appoġġ, dawn jenħtieġ li jkunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, kif ukoll ikunu affordabbli mil-lat fiskali u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jippreservaw l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ta' fondi oħra tal-UE, b'mod partikolari biex irawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

## KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR MALTA

---

<sup>6</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, "Gwida għall-politika fiskali għall-2024", 8.3.2023, COM(2023) 141 final.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

8. Malta ppreżentat l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tagħha għall-2024 fis-16 ta' Ottubru 2023. Fuq dik il-bażi u filwaqt li titqies ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill lil Malta tal-14 ta' Lulju 2023<sup>9</sup>, il-Kummissjoni adottat l-opinjoni li ġejja skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013.
9. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni adottat rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE.<sup>10</sup> Dak ir-rapport ivvaluta s-sitwazzjoni baġitarja ta' Malta, billi d-defiċit tal-gvern estiż tagħha fl-2022 qabeż il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat.
10. Skont l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju, il-PDG reali ta' Malta huwa pproġettat li jikber b'4,2 % fl-2024 (4,1 % fl-2023), filwaqt li l-inflazzjoni HICP hija mbassra li tkun 3,7 % fl-2024 (5,7 % fl-2023). Bl-istess mod, skont it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni, il-PDG reali ta' Malta huwa pproġettat li jikber b'4,0 % fl-2024 (4,0 % fl-2023), filwaqt li l-inflazzjoni HICP hija mbassra li tkun 3,3 % fl-2024 (5,7 % fl-2023). B'mod ġenerali, ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-proġettazzjonijiet baġitarji fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju jidher li huwa konformi mat-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni għall-2023 u l-2024. Malta tikkonforma mar-rekwiżit tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013, billi l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju huwa bbażat fuq tbassiriet makroekonomiċi approvati indipendentement.
11. Skont l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju, id-defiċit tal-gvern estiż ta' Malta huwa pproġettat li jonqos għal 4,5 % tal-PDG fl-2024 (minn 5,0 % fl-2023), u jibqa' 'l fuq minn 3 % tal-PDG. Dan it-tnaqqis huwa prinċipalment xprunat mit-tnaqqis bħala sehem tal-PDG tal-konsum intermedju, il-pagamenti soċjali u s-sussidji, anki minħabba t-tneħħija gradwali mistennija tal-ispejjeż relatati mal-linja tal-ajru nazzjonali, parzjalment ikkumpensata minn żieda bħala sehem tal-PDG tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija u l-infiq fuq l-imgħax. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jiżdied għal 55,6 % fi tmiem l-2024 (minn 53,1 % fi tmiem l-2023). Min-naħa tiegħu, skont it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-gvern estiż ta' Malta huwa pproġettat li jonqos għal 4,6 % tal-PDG fl-2024 (minn 5,1 % fl-2023), filwaqt li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jiżdied għal 55,8 % fi tmiem l-2024 (minn 53,3 % fi tmiem l-2023).
12. Fuq il-bażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali<sup>11</sup> hija pproġettata li tkun restrittiva għal 1,7 % tal-PDG fl-2024, wara pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali ta' 0,1 % fl-2023.
13. L-Abbozz ta' Pjan Baġitarju jassumi li n-nefqa li tammonta għal 0,4 % tal-PDG se tkun appoġġata minn appoġġ mhux ripagabbli ('għotjiet') mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2024, meta mqabbla ma' 0,4 % tal-PDG fl-2023. Dan huwa konformi mas-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-

<sup>9</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 ta' Malta, ĠU C 312, 1.9.2023, p. 167.

<sup>10</sup> Rapport tal-Kummissjoni, imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, 24.5.2023, COM(2023) 631 final.

<sup>11</sup> Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja tal-gvern estiż, netta mill-impatt baġitarju inkrementali tal-miżuri diskrezzjonarji tad-dħul, bl-esklużjoni tan-nefqa tal-qgħad ta' darba u ċiklika, iżda inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE, meta mqabbla mar-rata medja ta' tkabbir potenzjali tal-PDG fuq terminu medju (10 snin), espressa bħala proporzjon għall-PDG nominali.

Reżiljenza se tippermetti investiment ta' kwalità għolja u riformi li jtejbu l-produttività mingħajr impatt dirett fuq il-bilanċ u d-dejn tal-gvern estiż ta' Malta.

14. Skont it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni, filwaqt li titqies l-informazzjoni li tinsab fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju, il-miżuri adottati biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija huma mistennija li jibqgħu fis-seħħ wara tmiem l-2024. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2023 b'mod partikolari: tnaqqis fit-taxxi indiretti fuq il-konsum tal-enerġija u sussidji għall-produzzjoni tal-enerġija biex jikkompensaw għaż-żieda fil-prezz tal-elettriku importat u tal-emissjonijiet tal-karbonju. Barra minn hekk, l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju jinkludi diversi miżuri ġodda ta' nefqa għall-2024 li mhumiex direttament relatati mal-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jinkludu diversi miżuri għall-promozzjoni tal-inklużjoni li jżidu l-infiq soċjali. L-ispiża aggregata ta' dawn il-miżuri hija stmata mill-Kummissjoni għal 0,1 % tal-PDG fl-2024 u mhijiex mistennija li jkollha impatt permanenti fuq il-finanzi pubbliċi.
15. Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill irrakkomanda li Malta tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali<sup>12</sup> fl-2024 għal mhux aktar minn 5,9 %. Skont it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni, in-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali ta' Malta hija pproġettata li tiżdied b'5,5 % fl-2024, li hija taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. Dan huwa konformi ma' dak li kien irrakkomandat mill-Kunsill.
16. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li Malta tieħu azzjoni biex tnaqqas il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ta' emerġenza fis-seħħ, billi tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u fl-2024. Il-Kunsill speċifika wkoll li, jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ġodda jew kontinwi ta' appoġġ, jenħtieġ li Malta tiżgura li dawn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, bi prezz fiskalment affordabbli, u tippreserva l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija. Skont it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni, l-ispiża baġitarja netta tal-miżuri<sup>13</sup> ta' appoġġ għall-enerġija hija pproġettata li tkun 1,6 % tal-PDG fl-2023, 2,0 % fl-2024 u 1,0 % fl-2025. B'mod partikolari, it-tnaqqis fit-taxxi indiretti fuq il-konsum tal-enerġija u s-sussidji għall-produzzjoni tal-enerġija biex jikkompensaw għaż-żieda fil-prezz tal-elettriku importat u tal-emissjonijiet tal-karbonju huma preżunti li se jibqgħu fis-seħħ fl-2024 u fl-2025<sup>14</sup>. Il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija mhumiex ipproġettati li jiġu stralċjati malajr kemm jista' jkun fl-2023 u fl-2024. Hemm ir-riskju li dan ma jkunx konformi ma' dak li kien irrakkomandat mill-Kunsill. Konsegwentement, ma hemm l-ebda ffrankar relatat li għandu jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern kif irrakkomandat mill-Kunsill. Il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli huwa stmat għal 0,2 % tal-PDG fl-2024 (0,2 % fl-2023), u l-biċċa l-kbira ta' dawn ma jippreservawx is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

<sup>12</sup> In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata nazzjonalment netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax kif ukoll in-nefqa ċiklika fuq il-qgħad.

<sup>13</sup> Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa u, fejn applikabbli, nett mid-dħul mit-taxxi fuq il-profitti mhux mistennija tal-fornituri tal-enerġija.

<sup>14</sup> Il-miżuri li, skont l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju, jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2024, fil-prinċipju, huma preżunti fit-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni bħala li għandhom impatt baġitarju wkoll fl-2025.

17. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li Malta tippreserva l-investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Skont it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni, l-investiment pubbliku ffinanzjat nazzjonalment huwa pproġettat li jiżdied għal 2,9 % tal-PDG fl-2024 (minn 2,7 % tal-PDG fl-2023) u, għalhekk, huwa mistenni li jiġi ppreservat. Dan huwa konformi ma' dak li kien irrakkomandat mill-Kunsill. Min-naħa l-oħra, in-nefqa pubblika ffinanzjata mid-dħul mill-fondi tal-UE, inklużi l-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija mistennija li tonqos b'0,7 % tal-PDG fl-2024 (minn 1,8 % tal-PDG fl-2023). Dan it-tnaqqis huwa xprunat mit-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 tal-fondi strutturali tal-UE, li għalihom il-fondi huma disponibbli sal-2023.
18. Barra minn hekk, fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill irrakkomanda wkoll li, għall-perjodu lil hinn mill-2024, Malta tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli oġġla, biex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju. L-Abbozz tal-Pjan Baġitarju jinkludi proġettazzjonijiet baġitarji fuq terminu medju sal-2026. Id-defiċit tal-gvern estiż huwa pproġettat li jonqos gradwalment għal 4,0 % fl-2025 u 3,5 % fl-2026. Min-naħa tiegħu, id-dejn tal-gvern estiż huwa pproġettat li jiżdied għal 56,6 % tal-PDG fl-2025 u għal 57,2 % fl-2026. L-investiment tal-gvern estiż huwa pproġettat li jiżdied għal 4,2 % tal-PDG fl-2025 u għal 4,7 % fl-2026. Skont l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju, dawn il-proġettazzjonijiet huma bbażati fuq investimenti ta' valur miżjud għoli u riformi strutturali lejn it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u tal-enerġija inklużi s-saħħa u l-governanza, li huma wkoll parti mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
19. Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, it-tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali huwa pproġettat li jirrispetta r-rata massima ta' tkabbir rakkomandata fl-2024. Madankollu, skont it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni, u filwaqt li titqies l-informazzjoni inkluża fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju ta' Malta, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ta' emerġenza mhumiex mistennija li jiġu stralċjati malajr kemm jista' jkun fl-2023 u fl-2024; għall-kuntrarju, l-ispiża tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija hija pplanata li tiżdied fl-2024. Dan ifisser ukoll li ma hemm l-ebda ffrankar mit-tneħħija gradwali tal-miżuri tal-enerġija li jistgħu jiġu allokati għat-tnaqqis tad-defiċit. Barra minn hekk, Malta hija mistennija li tippreserva l-investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali. Malta għandha tkompli tiżgura wkoll l-assorbiment effettiv tal-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju ta' Malta mhumiex kompletament konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2023. Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lil Malta biex tnaqqas il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija malajr kemm jista' jkun fl-2023 u fl-2024. Madankollu, il-Kummissjoni tipproġetta li d-defiċit nominali tal-baġit ta' Malta huwa pproġettat li jkun ta' 4,6 % tal-PDG fl-2024, oġġla mill-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG, u l-proporzjon tad-dejn tal-gvern ikun ta' 55,8 % fl-2024, taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG. Deskrizzjoni komprensiva tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-Kunsill se tiġi inkluża fir-Rapport tal-Pajjiż tal-2024 u vvalutata fil-kuntest tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-Kunsill li għandhom jiġu rakkomandati mill-Kummissjoni fir-rebbiegħa tal-2024.

**Tabella: Ċifri makroekonomiċi u fiskali ewlenin**

		2022	2023		2024	
		Riżultat	APB	COM	APB	COM
<b>PDG</b> (% ta' bidla)	<b>reali</b>	6,9	4,1	4,0	4,2	4,0
<b>Inflazzjonital-HICP</b> (% ; medja annwali)		6,1	5,7	5,7	3,7	3,3
<b>Bilanċ tal-gvern</b> (% tal-PGD)	<b>estiż</b>	-5,7	-5,0	-5,1	-4,5	-4,6
<b>Bilanċ</b> (% tal-PGD)	<b>primarju</b>	-4,8	-3,8	-4,0	-3,2	-3,3
<b>Id-dejn gross</b> (% tal-PDG; fl-aħħar tas-sena)	<b>tal-gvern estiż</b>	52,3	53,1	53,3	55,6	55,8
		<b>COM</b>	<b>COM</b>		<b>COM</b>	
<b>Pożizzjoni fiskali</b> (% tal-PGD)	<b>(*)</b>	-0,1	0,1		1,7	
<b>Aġġustament fiskali</b> (% tal-PGD)	<b>(**)</b>	-0,3	1,0		0,9	
<b>Bidla fil-kost baġitarju nett totali tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija</b> (% tal-PGD)	<b>(***)</b>	1,9	-0,7		0,4	
<b>Tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment</b> (% ta' bidla) (A)					5,5	
<b>Rata massima ta' tkabbir rakkomandata tan-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment</b> (% ta' bidla) (B)					5,9	
<b>Differenza mit-tkabbir rakkomandat fin-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment</b> (pp.) (A-B)					-0,4	
<b>Jekk in-nefqa netta tikber f'livell ogħla mis-CSR</b>						
<b>L-impatt fuq l-aġġustament fiskali tad-devjazzjoni fin-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment meta mqabbel mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill</b> (% tal-PGD)	<b>(****)</b>				mhux applikabbli	

**Noti:**

(\*) Bidla fin-nefqa primarja tal-gvern estiż, netta mill-impatt baġitarju inkrementali tal-miżuri diskrezzjonarji tad-dħul (u miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-pandemija tal-COVID-19), bl-esklużjoni tan-nefqa ta' darba u ċiklika tal-qgħad, iżda inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE, meta mqabbla mar-rata ta' tkabbir tal-PDG nominali potenzjali fuq terminu medju (10 snin). Sinjal negattiv (pożittiv) jindika eċċess (nuqqas) tat-tkabbir fin-nefqa primarja netta fuq it-tkabbir potenzjali tal-PDG fuq terminu medju, li jikkorrispondi għal pożizzjoni fiskali espansjonarja (restrittiva).

(\*\*) Bidla fin-nefqa primarja tal-gvern estiż, netta mill-impatt baġitarju inkrementali tal-miżuri diskrezzjonarji tad-dħul (u l-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-pandemija tal-COVID-19), bl-esklużjoni tan-nefqa ta' darba u ċiklika tal-qgħad, kif ukoll in-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE, meta mqabbla mar-rata ta' tkabbir tal-PDG nominali potenzjali fuq terminu medju (10 snin). Sinjal negattiv (pożittiv) jindika eċċess (nuqqas) tat-tkabbir nett tan-nefqa primarja ffinanzjata nazzjonalment fuq it-tkabbir potenzjali tal-PDG fuq terminu medju, li jikkorrispondi għal aġġustament fiskali espansjonarju (restrittiv).

(\*\*\*) Miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jnaqqsu d-dħul minn taxxi u imposti ġodda fuq profitti mhux mistennija mill-produtturi tal-enerġija.

(\*\*\*\*) Skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 ta' Malta", (ĠU C 312, 1.9.2023, p. 167).

(\*\*\*\*\*) Eċċess fit-tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment fuq ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, espress bħala perċentwal tal-PDG.

"APB" Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2024, "COM" it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, 21.11.2023

*Għall-Kummissjoni*  
*Paolo GENTILONI*  
*Membru tal-Kummissjoni*

